**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**3 ta' April, 2022**


# IL-QRAR

Il-konverżjoni tiġi billi nkunu kapaċi nirċievu l-maħfra u li naħfru aħna stess lill-oħrajn. Kif jgħid il-Papa Franġisku, "Il-maħfra hija strument fl-idejn fraġli tagħna sabiex inkunu kuntenti fil-qlub tagħna. Biex tgħix ta' bniedem ferħan, bilfors trid tħalli għall-ġenb it-tgemgim, ir-rabja, il-vjolenza, u l-ispirtu tal-vendetta". F'dan ir-Randan diġà kellna u se jkollna bosta mumenti fil-knisja, li fihom jiġi amministrat is-sagrament tal-qrar, ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-proxxmu. Għad baqa' ftit jiem u diġà ssemmew fil-programm tar-Randan imma se nagħtikom mill-ġdid il-jiem u l-ħinijiet speċjali fejn se jkollna qassisin disponibbli għall-qrar:

Il-Ġimgħa 8 t'April se jkollna saċerdoti jqarru mill-5:15am sal-10:00am; mill-4:30pm sas-7:30pm.

It-Tlieta 11 t'April, fit-8:00pm, iż-żgħażagħ se jtellgħu Via Sagra fil-knisja, li matulha jkun hemm saċerdoti disponibbli għall-qrar.

L-Erbgħa tat-Tniebri 13 t'April, il-qrar ikun mis-6.00am sal-10.00am u mill-5:30pm sas-7:00pm. Fl-istess jum fis-7:00pm Patri Etienne Gilson imexxi ċelebrazzjoni penitenzjali. Ikun hemm diversi saċerdoti jqarru.

Ilkoll kemm aħna għamilna xi deni lil xi ħadd. Kulħadd qiegħed f'defiċit mal-ħajja. Nagħlaq b'kelma li qal Martin Luther King, "Min ma għandux il-kuraġġ li jaħfer ma għandux il-qawwa li jħobb".

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI:**

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW BNIET:** javżaw li minn nhar it-Tnejn 4 ta' April, il-ħinijiet tal-MUSEUM se jkunu hekk:
Years 1-4 mill-5:00pm sal-5:35pm
Years 5-6 mis-6:00pm sas-6:35pm
Minn Form 2 'il fuq mis-6:00pm sas-6:35pm
Il-ġranet jibqgħu l-istess.

**L-ATTIVITÀ MILL-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** nhar il-Ġimgħa 8 t'April, Jum Marija Addolorata fis-6:00pm nieħdu sehem fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tad-Duluri organizzata mill-parroċċa li tibda minn Triq San Blas.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA** javża li:

- nhar l-Erbgħa 6 t'April, se jorganizza kunċert ta' mużika sagra "Mater Dolorosa" fil-knisja. Ħin fit-8:00pm;
- nhar il-Ħamis 7 t'April, se jorganizza tombla kbira fis-Sala Parrokkjali. Ħin fis-7:00pm;
- ser jorganizza ġita għal Sqallija, is-Sibt 23 t'April. Se mmorru s-suq ta' Catania, Centro Sicilia, Primark u Marzamemi. Prezz €100 il-kbar, €75 tfal taħt it-12-il sena. Bookings mingħand James Buttigieg (79704840), John Paul Azzopardi (79270074) jew John Xuereb (99829789).

## AVVIŻI KUMITAT PURĊISSJONI ĠIMGĦA KBIRA

DAWK IL-PERSUNI LI JĠORRU L-KTAJJEN WAQT IL-PURĊISSJONI

Dawk il-persuni li ser jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira bl-att tal-wegħdi (ktajjen u slaleb) huma infurmati li din is-sena il-konfratija tagħhom trid tkun ta' kulur abjad. Dawk li għandhom xi diffikultà dwar dan għandhom ikellmu jew lil Fr Joe Cardona fuq 99847101, jew lil Mario Bugeja fuq in-numru 21558408 (wara s-7:00pm).

Barra minn hekk, minħabba l-format differenti tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena, dawn il-persuni kollha tal-wegħdi, mingħajr eċċezzjoni għandhom jinkitbu għand iż-żewġ membri tal-kumitat hawn fuq imsemmija.

FJURI

Infakkrukom li min jixtieq jikkontribwixxi billi jħallas il-fjuri ta' xi vara partikulari tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jew b'xi donazzjoni oħra, żgħira kemm hi żgħira, huwa mitlub li javviċina lill-Arċipriet, jew xi membru tal-Kumitat Purċissjoni Ġimgħa l-Kbira.

## ENGLISH CORNER

"Let the one among you who is without sin be the first to throw a stone at her." Again he bent down and wrote on the ground. And in response, they went away one by one, beginning with the elders. [John 8:7-8]
Jesus said to the woman, "Neither do I condemn you. Go, and from now on do not sin anymore." [John 8:11]

**EKOLOĠIJA** - Il-kelma "ekoloġija" ġejja mill-kelma bil-Grieg oinos, li tfisser "id-dar". Meta aħna jkollna sens ta' rispett lejn l-ambjent inkunu qed inħobbu "d-dar" li tana Alla. (GCCM—Global Catholic Climate Movement)

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am